# NIĊEĊ TA' SAN SEBASTJAN

## *NIĊĊA ĠDIDA FL-1994*

F'Ħal Qormi, għal żmien twil kien hawn niċċa waħda biss ta' San Sebastjan. Din hi fi Triq San Bartilmew u hi xogħol mill-aktar bikri ta' l-iskultur qormi Marco Montebello li skultraha meta kien għadu tfajjel ta' madwar 13-il sena.

Iżda issa żdiedet niċċa oħra: fuq id-dar numru 78, Triq San Sebastjan, fejn joqgħod is-sur Carmelo Falzon li personalment ħa l-inkarigu u l-inizjattiva sabiex saru kemm in-niċċa kif ukoll l-istatwa ta' ġo fiha. Din l-istatwa hi wkoll xogħol ħelu ħafna ta' l-istess Marco Montebello li skultraha fl-1985, tliet snin biss qabel mewtu li ġrat fl-1988 fl-età ta' 73 sena.



*In-Niċċa l-ġdida ta' San Sebastjan*

Ta' min jgħid li dawn iż-żewġ niċeċ għandhom rabta mal-karriera ta' Marco għax huma xogħlijiet tal-bidu u ta' tmiem il-ħidma skultorja tiegħu. Iż-żewġ statwi huma kompletament differenti minn xulxin: ta' l-ewwel turi l-martirju bil-vleġeġ u tat-tieni turi l-qaddis fil-glorja. Iżda juru wkoll kemm Marco għamel dak il-progress li wasslu biex isir l-aqwa skultur Malti fil-ġebla Maltija ta' żmienna.



*Marco Montebello jidher jiskultra l-monument għall-qabar tiegħu stess.*

Biex donnu kollox jibqa' fil-familja, l-iskultura tassew sabiħa tan-niċċa nnifisha saret minn Tarċisio Montebello, iben Marco stess, li hu Qormi wkoll. L-istatwa tqiegħdet fil-post nhar it-8 ta' Lulju 1994, f'għeluq il-50 sena minn meta żżanżnet il-vara titulari proċessjonali tal-parroċċa.